Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 267 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Thomas Portelli**

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Thomas Portelli, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 51669 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-23 t' Awwissu, 2013, ghall-habta tat-18:50 hrs, gewwa Triq Santa Agatha, Rabat, Malta:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBC 958 b' manjiera (a) traskurata (b) perikoluza (c) u bla kont.

2. Talli saq il-vettura EBC 958 b' velocita' aktar milli jmissu.

3. U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku, habat ma vettura numru EBB 032 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Vbugeja.

4. U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq Diane Ciangura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 t' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17, 18, 31, 226 (1) (a), 328 (b), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 15 (1) (a) (2) u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur – Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), sabet lill-imputat Thomas Portelli hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u illiberatu mit-tieni (2) akkuza u mit-tielet (3) akkuza u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2,000) liema multa f' kaz ta' nuqqas ta' hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Kif ukoll in vista tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' sewqan perikoluz u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tlett (3) xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja min-nofs il-lejl u minuta tal-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Thomas Portelli minnu pprezentat fl-14 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza billi:

Tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u cjoe' mit-tieni u t-tielet akkuzi;

Thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati, u cjoe fl-ewwel u r-raba akkuzi u kwindi tilliberah skond il-ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena.

Minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformha fil-parti ta` piena nflitta u tinfliggi piena anqas harxa u aktar idonea, u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f' dan li ġej.**

It-triq fejn sar l-incident, u cjoe, Strada Santa Agatha, fir-Rabat ta` Malta hija wahda dejqa u tinsab fic-centru ta dan ir-rahal antik f' Malta. Fil-Hin li sehh l-incident, ghal habta tas-6.45pm/7pm nhar it-23 t' Awissu 2013, fl-eqqel tas-sajf f' dan il-hin ix-xemx tkun ghada ma nizlitx u jekk wiehed jifli fejn tinsab din it-triq dejqa, jinduna illi meta wiehed isuq lejn il-hrug mic-centru pjazza San Pawl, Rabat, faccata isib ix-xemx precizament quddiem il-windsceen tieghu. Din hija triq *one way* u cjoe hadd ma jista' jkun gej minn naha opposta fuq *lane* oppost.

Kif stqarr l-appellant fix-xhieda tieghu datata 6 ta` Gunju, 2019, hu kien ghadu kemm ghalaq l-hanut tieghu li jinsab ftit metri l-boghod mill-pjazza u allura vicin fejn sehh l-incident. Kif startja l-karozza saq ghal ftit distanza u kien ghadu fuq is-second gear meta sehh l-incident. B' hekk it-teorija illi kien ghaddej bi *speed* ma treggiex. L-appellant qatt ma basar illi vettura ohra kienet qed tostakola din it-triq dejqa fin-nofs sempliciment waqaf ix-xufier taghha biex joqghod jparla ma xi nies li jafhom li nsertaw kienu qedin ma genb din it-triq. Induna biss ftit sekondi qabel minhabba x-xemx u ittenta jevita l-impatt ma karozza VW Golf li kienet qedha tostakolalu l-passagg, imma kien tard wisq u tela fuq l-bankina u laqat lil Diane Ciangura fil-frattemp bit-tyre ta wara tal-Mini tieghu.

Diane Ciangura xhedet dan kollu u anka hi stess tat it-tort kollu lis- sid u xufier tal-VW Golf li kienet ipparrkajata f' nofs din it-triq.[1] Kieku ma kienx qed wieqaf bix-xemx faccata ta` triq kieku dan l-incident ma sehh QATT!

---

1 Vide xhieda ta` Ciangura datata 4 ta` Frar 2014 a fol.46 tal-process.

Issa l-Ewwel Qorti stqarret fis-sentenza taghha illi l-appelalnt messu zamm *the proper look out* rikjesta ghax-xufiera fis-sewqan. Meta nezaminaw xi tfisser "proper look out", insibu illi xufier jrid jzomm d-distanza bizzejjed rikjesta sabiex jekk ikun hemm l-htiega jieqaf tempestivvament. Dan huwa ritenut fis-sentenza *Dr Remigio Zammit Pace noe vs Thomas Catania et.:*

*"Intqal kemm il-darba li sewwiq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm ' a proper look out' , imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Apparti minn ' ' speed' ' , kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku ta` quddiemu b' mod li f' kaz ta` waqfien f' daqqa u imprevisat, kif gara f' dana l-kaz, tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament."*[2]

Jsegwi illi dan huwa kaz esplicitu ta` tort kontributorju dan parti ta` Bugeja Joseph li ipparkkja l-vettura ghad li startjata f' nofs triq dejqa b' xemx taghmi faccata qabel nzul taghha fil-Punent. L-aggravju ewlieni huwa b' hekk seta bniedem jzomm *a proper look out* meta x-xemx tkun ezatt faccata trqi dejqa u huwa supponiet illi vettura tkun wieqfa f' nofsha?? It-twegiba hija certament fin-negattiv.

L-appellant wkoll jehtieglu l-licenzja tas-sewqan sabiex jahdem u jaqla' l-ghejxien tieghu. Sospensjoni taghha ghal zmien 3 xhur certament tfisser telfien tal-introjtu tieghu u dan abbazi illi persuna iddiciediet illi tieqaf f' nofs triq tparla mal-hbieb! Illi din is-sospensjoni hija detrementali ghal appellant u certament jisthoqqa tkun imnehhija.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-partijeti jittrattaw ir-rikors tal-appell.

Ikkunsidrat.

Nhar **PS 1195 C Debattista** xehed permezz ta' affidavit esebit fl-atti u stqarr li nhar it-23 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta tas-18.50p.m waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tar-

2 Prim Aula: 26/11/1987 per Onor. Mhallef J. Filletti.

Rabat gie infurmat minn persuna li dahlet l-ghassa li fi Triq Sant Agata, Rabat kien sehh incident tat-traffiku bejn zewg vetturi fejn persuna li kienet mixja fuq il-bankina spiccat giet feruta waqt dan l-incident peress li wahda mill-vetturi laqtitha.

Huwa mar fuq il-post imsemmi fejn giet imsejha ambulanza minhabba dan l-incident u dan ghaliex gie nutat li kien hemm persuna ta' Diane Caingura li kienet qeda mixhuta ma l-art muguwgha u imdawra bin-nies, u dan wara li vettura minnhom spiccat laqtitha. Jghid li kien hemm zewg vetturi konnessi ma dan l-incident wahda minnu misjuqa mill-appellant bin-numru ta' registrazzjoni EBC 958 u l-ohra misjuqa minn Joseph Bugeja bin-numru ta' registrazzjoni EBB 032.

Huwa ha l-versjoni tax-xuffiera u ha skizz u indika il-hsarat li garbu l-vetturi in kwisjtoni u kkonferma li Diane Ciangura itihdet l-isptar. Jispjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EMM 032 kienet wieqfa f'nofs ta' triq u l-ohra EBC 958 imtella' fuq il-bankina mahbuta mal-hajt fejn u hdejha instabet Diane Ciangura ma l-art.

Joseph Bugeja qallu li kien wieqaf f'nofs it triq Sant Agata, Rabat bil-vettura tieghu EBB 032 u f'daqqa wahda innota vettura mil-mera ta' wara gejja minn warajh fid-direzzjoni tieghu b'velocita qawwija u dahlet fil-genb tieghu u telghet il-bankina fejn hemm hekk laqtghet persuna li kienet mixja fuq il-bankina.

Thomas Portelli qallu li waqt li kien ghaddej bil vettura tieghu EBC 958 minn Triq Sant Agata, Rabat sab vettura wieqfa quddiemu u ghafas il-brakijiet izda dan kien ghal xejn ghax il-vettura baqghet sejra u biex jevita l-impatt maghha kiser l-isteering lejn in-naha tax-xellug u telgha fuq il-bankina fejn hemmhekk sab persuna mixja u laqatha.

L-ghada tal-incident Diane Ciangura tathom certifikat mediku fejn gie certifikat li kienet qed issofri minn griehi hfief. Din ikkonfermat li kienet mixja fuq il-bakina fi Triq Sant Agata, Rabat u f'nofs it-triq innutat vettura wieqfa li minn warajha giet vettura ohra b'velocita li ghal xi raguni spiccat telghet fuq il-bankina u tghatha daqqa u tefghatha ma bieb.

Rat l-iskizz esebit fl-atti a fol 13 fejn jidher li l-vettura ta' Joseph Bugeja u cioe dik bin-numru ta registrazzjoi EBC 958 kient wieqfa f'nofs t triq u l-vettura tal-appellant EBB - 032 ittentat tghaddi bejn il-vettura ta Bugeja u l-vetturi li kien hemm pparkjatai fuq il-lemin tieghu.

Rat ic-certifikat mediku esebit a fol. 14 rilaxxjat minn Dr. Mc Kean u minn esami ta' l-istess jirrizulta li Diane Ciangura kienet qed issofri minn diversi feriti ta' natura hafifa.

Il-Qorti kienet innominat lil Dr. Alex Sultana sabie jesamina lil Diane Ciangura u jiddiskrivi il-feriti li kellha u jinforma lil Qorti jekk kienitx qed issofri minn xi dizabilita permanenti. Illi Dr Sultana ipprezenta ir-raport mediku tieghu[3] u minn esami ta' l-istess jirrisulta li Ciangura ghandha 5% disabilita permanenti.

Rat ir-ritratti esebiti a fol. 15 et seq u minn esami taghhom jirrizulta li l-appellant ittanta jghaddi minn spazju li kien hemm bejn il-hajt u l-vettura ta' Portelli li kienet wieqfa f'nofs ta' triq. Quddiem il-vettura ta' Portelli kien hemm mara li tidher li giet imwegga u xi nies ohra fil-madwar.

**Dr Daniel McKeon** xehed nhar l-4 ta' Frar, 2015 u muri d-dokument mediku esebit fl-atti a fol. 14 kkonferma li kien hu li irrilaxjah. Ikkonferma li fit-23 ta' Awwissu 2013 kien ezamina lil Ciangura fid-dipartiment tal- Emergenza u qal li din kellha tbengil fl-irkoppa tax-xellug u ferita fuq l-istess irkoppa. Kellha ukoll tbengil fuq l-irkoppa tal-lemin u fuq l-ghaksa ta' l-istess naha u tbengila ohra fuq n-naha t'isfel tas-sieq tan-naha tal-lemin. Huwa kklasikfika dawn il-griehi bhala dawk ta' natura hafifa

Ikkonferma li kien raha darba biss f'din l-okkazzjoni u stqarr li damet l-isptar kwistjoni ta' sieghat biss.

**Diane Ciangura** xehdet nhar l-4 ta' Frar, 2015 u xehdet li kienet qed tgharaf lill-appellant bhala l-persuna li kien tghajjarha. Spjegat li dakinhar tal-incident kient mixja

---

[3] Fol. 22 ta l-atti.

fuq il-bankina fi triq dejqa r-Rabat. Kien hemm karozza pparkjata f'nofs ta triq u kient mixja dritt u f'hin minnhom rat karozza sejra lejha minn faccata. Taf likien hemm biex li kellu koxxa u tkahlet mieghu izda it-tyre tal-vettura tal-ghamla Mini Minor spicca fuq saqajhau dawwarha.

Hija giet murija r-ritratti esebiti fl-atti u gharfet kemm il-vettura li tghajritha kif ukoll lilha innifisha. Qalet li qed tgharaf l-vettura l-ohra li kienet hemm fit-triq u tahseb li kienet waqfet biex tnizzel lil xi hadd. Ghalhekk ratha ma indunatx biha fis-sens jekk kienitx ser tibqa' hemm. Meta rat il-karozza u l-mini gejja inhasdet. Mistoqsija jekk il-vettura kienitx ipparkjata jew le tghid li ma tistax tghid. Mixja pero ma rathiex.

Meta git rilaxxjat amill-isptr ma setghetx timxi telqet bil-wheel cahir u bil-krozzi. Tghid li ghamlet erbgha gimghat id-dar bis-sick leave u ma setghetx tmur ghax-xoghol. Qalet li l-ghada sejhet lit-tabib u dan qallh ali kient laqtet xi ligaments. Damet tlett gimghat bil-krozzi u mas etghetx tagheml ix-oghol taghha ta nurse. Ghamlet hames xhur physiotherapy. Ilum il-gurnata ghandha certu limtiazzjonijiet m'ghadhiex tigri u lanqas bir-rota ma ghadha tmur u wara gurnata xoghol saqajgha tintefah.

Mistoqsija meta kien l-ewwel darba li rat il-mini minor tghid li meta dan kien ftit il-boghod minnha. Tghid li kien gej sparat. Qalet li l-vettura dawritha.

**Stephen Cachia** xehed in rappresentanza ta' Transport Malta u dan nhar l-4 ta' Frar, 2015. Ikkonferma li mir-ricerka li ghamel il-vettura bin-numru ta registrazzjoi EBC 958 hija tal-ghamla Austin Mini ta' kulur blu registrata fuq l-appellant u ilha hekk registrata sa mit-13 ta' April, 2012. Waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBB -32 hija tal-ghamla Volksawagen Golf u tghajjat lil Joseph Bugeja u ilha hekk registrata sa mill-5 ta' Gunju, 2012 u dan skond id-dokumentazzjoni li esebixxa u li giet markata bhala dok SC.

**Joseph Bugeja** xehed fl-isss jum tal-4 ta Frar, 2015 u qal li kien rikeb vettura tal kulur blu u waqaf fit-triq biex ikellem lil xi had. Jghid li l–vettura kient startjata. F'daqqa u l-hin sema hoss 'bum' minn wara. Mieghu fil-vettura kellu lit-tifla. Muri r-ritratti esebiti a

fol. 15 jghid lid awn huma r-ritratti tal-incident u kkonfemra li hem mil-vettua tieghu u dik tal-appellant. Ikkonfem ali hsara fil-vettua tieghu ma kellux.

**PS 1195 Conrad Debattista** xehed nhar l-4 ta' Frar, 2015 u kkonferma li kien hu li investiga dan l-incident. Qal li kien mar fuq il-post indikat lilu u sab lill-appellant bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EBC-958 u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni EBB- 032. Spjega li rrizultalu li l-vettura tal- ghamla Mini misjuqa mill-appellant dahlet fil-vettura l-ohra sabiex ma taghmilx impatt frontali. Il-vettura l-ohra kienet wiefqa, swervjat u telghet fuq il-bankina bil-konsegwenza li l-pedestrian li kien ghaddej fuq il-bankina nitlaqat mill-mini minor. Qal li l-vettura tal-appellant kellha hsara fuq il-mudguard ta' quddiem taz-zewg nahat waqt li l–vettura l-ohra ma kellhiex hsara. Qal li l-pedestrian sofriet griehi u fil-fatt cempel ghall-ambulanza.

Mistoqsi jekk tkellimx mal-appellant jghid li tkellem u dan qallu li waqt li kien ghaddej bil-vettua tieghu fi Triq Sant Agata, Rabat, sab vettura wieqfa quddiemu. Fejn kif ghafas il-brake il-vettura baqghet sejra u biex jevita l-impatt mal-vettura ta' quddiemu kiser l-isteering lejn in-naha tax-xellug u kif tela' fuq il-bankina sab persuna mixja u laqatha.

Huwa iddiskriva t-triq bhala wahda dejqa qalb il-bini. Huwa kkonferma l-okkorenza minnu maghmula li tinsab fl-atti a fol. 2 et seq.

L-appellant **Thomas Portelli** xehed minn jeddu u b'mod volontarju. Spjega li huwa ghandu hanut fi Triq Sant Agata, ir- Rabat u dakinhar ghalaq il-hanut telaq ghall-habta tas-7.00p.m u waqt li kien '*on second gear*' jigifieri ighid li kien ghadu hiereg u mexa distanza ta' xi tlett darbiet tul l-awla u giet ix-xemx f'ghajnejh u appena fetah ghajnejh sab karozza wieqfa u s-sewwieq taghha kien qed jitkellem ma persuna ohra u pprova ighaddi minn ma genbu u laqat il-bankina u telgha fuqha. Qal li ma baqghax jara minhabba ix-xemx.

Mistoqsi jekk kienx ra l-vettura wieqfa qabel il-habta jghid li le. Imbaghad ma irnexxilux jghaddi bejn il-vettura wieqfa u l-hajt u habat, hareg mill-karozza u meta nizel mill-vettura induna li kien telgha il-bankina. Ir-rota qabdet il-bankina u laqat

saqajn mara li kienet mixja fuq il-bankina. Qal li t-triq hija wiesgha tnax-il pied minn bankina ghal bankina.

Jghid li meta ra li ma segha jghaddi ghafas aktar lejn il-bankina. Ma kellux sahha kbira. Jaf pero li kienet wegghet u kien mar jarha l-isptar.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell.

Ikkunsdirat.

Il-fatti fil-qosor kienu is-segwenti:

1. Illi nhar it-23 ta Awwissu, 2013 l-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Mini Minr fi Triq Santa Agata, ir Rabat gall-habta tas-7.00p.m.
2. Illi fin-nofs ta' din it-triq kien hemm vettura wieqfa u fiha bhala sewwieq kien hemm Joseph Bugeja.
3. Illi l-appellant spicca fuq l-bankina bejn il-vettura li kietn qeiqfa f'nofs ta triq u l-hajt.
4. Fuq il-bankina ma l-art quddiem l-appellant kien hemm Diane Ciangura imwegga u dna ghaleix giet imtajra waqt likient mixja fuq il-bankina mill-appellant.
5. L-appellant jghid li dawwar l-isteering tal vettura li kien qed isuq biex jevita impatt frontali mal-vettura li kienet wieqfa.
6. L-appellant jghid li kellu ix-xemx f'ghajnejh u ghamel xi hin ma jarax u meta fetah ghajnejh induna bil-vettura pero meta ibbrekja l-vettura ma zammtix.

A bazi ta 'dawn il-provi l-ewwel Qorti sabet ill-appellant hati ta' l-ewwel (1) u r-raba (4) akkuza u kkundannatu ghal multa ta' elfejn euro u ordnat l-iskwaliffika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perijodu ta' tlett xhur minn dak in-nhar tas-sentenza u illiberatu mit-tieni (2) u mit-tielet (3) akkuza .

L-appellant fl-appell tieghu jargumetna li ma hux minnu li l-appellant ma zammx 'a proper look out' u l-incident sehh minhabba l-agir inkonsultat ta' Bugeja li qbad u waqaf f'nofs ta triq u dan fi triq dejqa.

Illi ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tispjega x' ghandha tfisser it terminologija '*proper look out*'. F' dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qalet fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**[4]**'** u cioe':-

*"Mill-band l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qeghda issuq minghajr ma zzomm "a proper lookout" (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x' inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-gemb biex jaqsam. Li wiehed izomm "a proper lookout" waqt li qed isuq, u cioe li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza propju biex tevita l-hsara; u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm "a proper lookout" kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna trid twiegeb ghall-hsara involontarja hekk kagunata"*.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [5] li *"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view*[6]*" u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout*[7]*"* (*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in* the *case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*[8]")

[4] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-6 ta' Gunju, 2003

[5] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tal-10 ta Awwissu, 1963

[6] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tal-10 ta Awwissu, 1963

[7] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-17 ta' Gunju, 1961.

[8] Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968]

L-appellant qed ighid li dan hu kaz ta' *contributory negligence* minhabba l-agir ta' Bugeja li waqaf bil-vettura tieghu f'nofs ta' triq. Jinghad li f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tas-sewwieq tal-vettura l ohra f' dan il-kaz[9].

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri**[10]: *"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."*

Il-Qorti osservat ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi fit-triq dejqa kie hemm vettura wieqfa f'nods ta triq jew li addirittura li kine hemm ix-xenx f'ghajnejh u dan fis-7.00p.m meta ma tkunx tisreg hafna li tghamih . Jigi rilfess li ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li "… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet..[11]."

---

[9] Appelli Kriminali: "Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri" [16.3.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud" (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.

[10] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tal-21 ta' Mejju 1960

[11] Pulizija vs Joseph Grech -deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-6 ta Gunju 2003

F'dan il-kaz pero' ma kientix kwistjoni li l-appellant baqa' diehel fi vettura li kienet wieqfa u sabha quddiemu izda li ghamel manuvra zbaljata u cioe' li qabad u ittenta jghaddi minn ma genb din il-vettura u l- hajt bla ma ta kaz ghal dak li kien hemm fuq il-bankina u cioe li seta dak il-hin harget persuna minn darha ghal fuq il-bankina. Jigifieri mhux biss ma tax kaz li fil-fatt kien hemm Ciangura fuq il-bankina mixja ghall-affari taghha izda lanqas ippreveda l-possibilita li xi hadd johrog minn daru ghal fuq il-bankina dak il-hin li iddecida li ighaddi hu.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni jinghad li l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'sewqan sewqan perikoluz u b' sewqan b' maniera traskurata u bla kont, u gie ritenut

minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "*degree*"[12] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz[13]. Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*[14]" "*Recklessness*" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye*[15]". Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali [16]

Illi gie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**[17]" li :-

"*It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration*

---

[12] Pul. vs. Charles Bartolo deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tal-14 ta Marzu 1959 u Pul. vs. Wilson [Vol. XXXIX p. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV ; p. 933

[13] Pul. vs. Hardingham deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tad-19 ta Ottubru, 1963,

[14] Pul. vs. Charles Farrugia [Vol.XXXIX p. 1018].)

[15] App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina [20.4.1963]

[16] App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , [Vol. XLIV , p.892]

[17] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tas-7 ta Mejju 1995

*in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving.*" (ara ukoll f' dan is-sens: App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[18]" u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo**[19]".

Umbaghad fis-entenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[20]" gie ritenut li ;- "*sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari .*"

"*Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu .*"[21]

Illi fil-kaz in desamina jidher car li l-appellant saq b'mod perikoluz meta fl-ewwel lok jidher li kien mixi bi speed mhux addatat ghal sewqan fi triq dejqa u dan qed jinghad ghaliex l-appellant stess jghid li zamm il-brake u dan ma zamlux tant li kellu jigbed lejn ix-xellug tieghu jiswervja biex jevita habta frontali. Minflok ma habat frontalment mal-vettura li kient stazzjonata spicca dahal f'mara li kienet mixja ghall-affari taghha fuq il-bankina. Dan hu 'error of judgent' li ghamel l-appellant li ma pprevediex li fuq bankina ikun hemm nies mixjin kif kien hemm f'dan il-kaz.
Li kieku l-appellant ma kienx qed isuq b'din il-manjera zgur li l-incident ma kienx isehh. Hija improbabbli li fis-7.00p.m ikun hemm daqshekk xemx li josskura il-b=vizta ta dak li ikun u jekk verament kien hemm messu l-appellant saq aktar bil-qalbu molto piu meta tqis lidin hija triq li kien ighadi minnha ta kuljum stante likellu l hanut tieghu prorpju hemmhekk. Kienjaf bil-perikolozita o meno ta dak li jigri f dik l-istess triq

---

[18] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tad-9 ta' Marzu 1959s Kollez. Vol. XLIII p. 1001

[19] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tal-14 ta Marzu 1959 Kollez. Vol. XLIII p. 1016

[20] Deciza miil-Qorti tal-Appell Kriminali f' sentenza tat-3 ta' Mejju, 1053 Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108

[21] ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-appellant ghandu jinstab hati ta sewqan perikoluz kif misjub mill-ewwel Qorti .]Dwar ir-raba akkuza jirrizulta li Diane Ciangura kif xehed Dr Alic Sultana kirurgu nominat mill-Qorti sofriet debilta oermanenti ta 5% bhalal rizulta ta dna l-incident liema incident sehh b'tort tal-appellant minhabba is-sewqan improprizju tieghu. Huwa car li minhabba l-perikolozita tieghu Ciangura spiccat imwegga b'manjera involontarja.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-htija misjuba mill-ewwel Qorti.

Dwar it-talba ghat tibdil fil-piena kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[22]" u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellant.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[23] "*l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt."*

Illi ghalhekk fir-rigward ta' l-ewwel akkuza li l-appellant instab hati u cioe l-ewwel akkuza dik li tikkoncerna sewqan perikoluz l-piena applikazbbli u cioe dik preskritta

---

[22] Deciza nhar l-10 ta' Mejju, 2002.

[23] Deciz fl-14 ta' Gunju, 1999.

fil-ligi hija dik skond l-artikolu 15 ( 1) tal- kap 65 tal-ligijiet ta' Malta u cioe "*il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena*", filwaqt dwar ir- raba akkuza li instab hati l-piena hija dik preskritta fl-artikolu 328 (c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta " *hija priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa usittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)"*

Ghalhekk meta l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant multa ta' elfejn euro (€2,000) kienet fil-fatt piena li taqa' fil-paramentri tal-ligi u konsegwentement ser tigi kkonfermata.

Dwar l-iskwalifika jinghad li l-ewwel Qorti skwaifikat il-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perijodu ta' tlett xhur ai termini tal-artikolu 15 (2) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta. Dan is-sub artikolu jipprovdi li *"il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur"*, Ghalhekk jinghd li l-ewwel Qorti applikat il-massimu permess mill-ligi.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ghalkemm qed issib lill-imputat hati ta' sewqan perikoluz li jinkorpora fih sewqan traskurat u bla kont kif ukoll talli involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-persuna ta' Diane Ciangura pero' thoss li ghandha tvarja l-piena nflitta u ghaldaqstant qed tirriduci z-zmien ta' l-iskwlaifika ghall-perijodu ta' tmien gimghat mill-illum, liema perijodu jibda jiddekorri min nofs il-lejl ta' llum stess.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur